SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 38-18**

**12 ta' Frar 2018**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.30 ta' fil-għaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsilliera Caroline Galea ma setgħetx tattendi l-laqgħa

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**38.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qara ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Caroline Galea li ma setgħetx tkun preżenti għall-laqgħa.

**38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 37-17**

**38.2.1 *Survey dwar il-Bus Terminus***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 37.2.4 tal-laqgħa preċedenti u semma l-problema tal-Bus Terminus. Huwa qal li nnota li ġo lokalitajiet oħra l-karrozzi tal-linja jitfu l-magna fuq il-Bus Terminus. Ġie nutat li jista' jkun li teżisti pika fuq dan il-każ.

**38.2.2 *Bollards fi Triq l-Ibiscus***

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għal minuta 37.2.1 u staqsa fuq il-*bollards* li kellhom jinqagħlu minn Triq Inez Soler u jitwaħħlu fl-entratura ta' Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill qabel li jpoġġi l-*bollards* li ser jinqagħlu minn Dawret it-Torri minflokom. Il-Viċi Sindku qal li dawn iridu jsiru bil-ktajjen.

**38.2.3 *Vandaliżmu***

B'referenza għall-minuta 37.2.5 il-Kunsillier Bonello staqsa jekk kenitx saret il-laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija fir-rigward tal-problema tal-vandaliżmu. Is-Sindku qal li l-laqgħa saret u li l-Ispettur infurmaħ li kien ser jitkellem mad-Drug Squad dwar il-problema tad-drogi u kien ser irressaq talba biex ikun jista' jżid ir-ronda li ssir fit-toroq. Il-Kunsillier Bonello qal li Pjazza 7 ta' Lulju għada bid-dawl mitfi. Qamet diskussjoni u ġie nutat li wara li twaħħlu globi u bozoz ġodda, dawn reġgħu ġew ivvandalizzati. Qamet diskussjoni f'dan ir-rigward u l-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu jikkunsidra li minflok arbli bil-globu kif hemm bħalissa, għandhom isiru erba' arbli kbar kif hemm fi Pjazza San Gorġ fil-Belt Valletta.

**38.2.4 *Rapport mill-Kuratur tal-Ġnien***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 37.5.3 u staqsa jekk kienx sar xi ħaġa fuq dak li kien qal il-Kuratur fuq il-bżonn tal-manutenzjoni tal-Ġnien. Il-Viċi Sindku qal li l-fanali fil-kurituri għadhom ma tnaddfux. Is-Sindku qal li kien ser ikellem il-ħaddiem tal-IPSL biex jagħmel dan ix-xogħol.

**38.2.5** ***Approvazzjoni għall-Attivitajiet ta' matul is-Sena 2018***

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta; 37.5.5.2 u qal li ċ-Ċentru Kulturali Ċiniż ser jipprovdu talent Ciniż għal waqt il-kunċert mill-Medina Music Foundation.

Il-Kunsillier Liam Sciberras semma talent lokali li jista' jippartecipa fis-serata' li matulha ser tittella' il-Fiera ta' Talent Lokali. Huwa għandu jibgħat il-*link* ta' dan il-grupp ta' żgħażagħ minn Santa Luċija.

**38.2.6 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 37-18 ġew approvati mill-Kunsill.

**38.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**38.3.1** ***Approvazzjoni għal xiri***

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ressqet tlett kwotazzjonijiet għal xiri ta' Blower/Hoover biex jintuża mill-ħaddiema tal-ETC fil-pjazzez. Il-Kunsill qabel li jidħol fid-dettalji tekniċi qabel jinxtara dan l-apparat. Il-Kunsill għandu jkun infurmat bid-deċiżjoni.

**38.3.2** ***Approvazzjoni għal Xiri***

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet tlett kwotazzjonijiet għal xiri ta' *computer* biex fuqu tiġi nsallata l-*accounting system* il-ġdida tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni li kienet tissodisfa l-i*specifications* mitluba iżda s-Segretarju Eżekuttiv intalbet tiċċekkja jekk kienx aktar jaqbel li jinxtara *server* minflok.

**38.3.3 Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM38-18 għall-perjodu bejn is-27 ta' Jannar 2018 sad-29 ta' Jannar 2018 u minn *cheque* numru BOV 7057 sa *cheque* numru BOV 7064.

**38.4 Rapport Finanzjarju għas-Sena 2017**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat r-rapport finanzjarju għas-sena 2017 li ġie mħejji mill-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sinjura Debono CPA li tirrapreżenta lill-Dconsulta Ltd.

Is-Sinjura Debono li kienet preżenti f'din il-laqgħa, spjegat fid-dettal il-punti l-aktar fundamentali ta' dan ir-rapport u wieġbet għal xi domandi mressqa mill-membri tal-Kunsill. Ġie nutat li skond dan ir-rapport, li għad irid jiġi awditjat mill-Awdituri tal-Gvern, il-Kunsill għalaq is-sena b'*surplus* ta' €23,910.00. Il-Kunsill approva mozzjoni tas-Sindku s-Sur Terrence Ellul li kienet issekondata mill-Kunsilllier Liam Sciberras biex dan ir-rapport finanzjarju jiġi approvat. Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

**38.5 Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

**38.5.1 *Measure 4.3***

Is-Sindku tkellem dwar laqgħa ta' nformazzjoni li attendiet għaliha is-Segretarju Eżekuttiv u nforma l-Kunsill lix-xogħol fuq il-kisi ta' toroq rurali f'Wied Garnaw li ser isiru bil-fondi li ġew approvati taħt Measure 4.3 iridu jkun lesti sa Ġunju 2018. Huwa qal li s-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu kopja tad-dokument tal-Kuntratt tar-*resurfacing* ta' toroq li għandu l-Kunsill bħalissa u jekk jiġi approvat mill-ARPA, il-Kunsill ikun jista' jwettaq dan ix-xogħol bil-kuntrattur tal-Kunsill fuq kisi ta' toroq. Ġie nutat ukoll lir-rimborż tal-ispiża nvoluta jsir wara li jkun tlesta' x-xogħol u l-Kunsill ikun ħallas lill-kuntrattur.

**38.5.2 *Measure 4.4***

Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni pendenti li l-Kunsill għandu fir-rigward ta' Measure 4.4. Huwa qal li l-*cut-off date* biex tiġi sottomessa din l-applikazzjoni huwa tad-9 ta' April 2018. Is-Sindku qal li minn korrispondenza li nbagħtet mill-ERA jidher li jrid jinġib permess tal-Mepa fir-rigward ta' ħitan tas-sejjiegħ li jridu jitwaqqu u jinbnew mill-ġdid. Il-Kunsill qabel li l-perit tal-Kunsill għandu jiltaqa' ma' uffiċjali tal-ERA f'dan ir-rigward.

**38.5.3 *Ġbid ta' Video kummerċjali mingħajr permess fi Ġnien is-Serenita'***

Il-Kunsill iddiskuta reklamar li sar permezz ta' *video* li nġibet fi Ġnien is-Serenita' mingħajr permess. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħt ittra legali biex jintalab il-ħlas dovut.

**38.5.4 *Kuntratt għal Ġbir ta' Skart Imħallat***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-amministrazzjoni ser toħroġ is-sejħa għal kuntratt għal Ġbir ta' Skart Imħallat peress li l-Kuntratt preżenti wasal biex jagħlaq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-i*specifications* ser ikunu l-istess bħal kuntratt preċedenti. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex tinħareġ is-sejħa fuq l-epps.

**38.5.5 *Proġett 2 Will***

Is-Sindku tkellem dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-proġett 2Will u dwar l-avveniment li ser isir mill-Kunsill ta' Swieqi li huwa Partners fuq dan il-Proġett. Il-Kunsill iddiskuta x-xogħol rikjest minn kull parteċipant u qabel li l-Kunsillier Liam Sciberras għandu jieħu ħsieb ilesti intervista ma' resident li huwa favur l-Ewropa u ieħor li huwa kontra. Il-Kunsillier Sciberras għandu jieħu ħsieb li jinġibed *video* tal-intervista liema *video* jarah il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'dan l-avveniment li ser isir Malta fix-xahar ta' Frar 2018.

**38.5.6** ***Korrispondenza mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill***

**38.5.6.1** ***Cir AKL 2018-014***

Is-Sindku ressaq Cir AKL 2018-014 – Wifi4EU Sejħa għall-Kunsilli Lokali, għad-diskussjoni. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-inizjattiva. Kien hemm qbil li fuq din l-inizjattiva għandu jiġi propost li jkun hemm servizz ta' Wifi f'Pjazza Dorell, Wied Garnaw, Pjazza 7 ta' Lulju, Triq Frezja u Triq il-Ġilju, Triq Ċinenarja, fl-*area* tal-iskola sekondarja tal-Bniet, fi Triq Peprin, Dawret it-Torri u l-Jogging Track.

**38.5.6.2** ***Cir AKL 1-2018-Skema Korsijiet Lifelong Learning 2018-2019***

Is-Sindku ressaq iċ-Cirkulari hawn fuq imsemmija għad-diskussjoni. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa bħas-snin ta' qabel.

**38.5.6.3** ***Żjara mill-Mellieħa Active Ageing Centre fi Ġnien is-Serenita'***

Il-Sindku qal li l-kordinatriċi tal-Active Ageing Centre ta' Santa Luċija nfurmat lill-Kunsill li grupp ta' anzjani mill-Active Ageing Centre tal-Mellieħa ser iżuru l-Ġnien is-Serenita' u ser jiefqu fit-Tea Room għall-kafe'. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din il-proposta.

**38.6** ***Kuntratt ta' Manutenzjoni u Tindif tal-Latrini***

Is-Sindku irrefera għal kuntratt hawn fuq imsemmi u qal li l-latrina f'Dawret it-Torri tinsab magħluqa minħabba nuqqas ta' manutenzjoni u vandalizmu. Huwa qal li kien talab laqgħa mal-Kuntrattur u ser ikun qed jiltaqa' miegħu biex jiddiskuti din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jsir *Bill of Quantities* biex tinġabar l-ispiża nvoluta biex isir il-manutenzjoni neċessarja qabel tinħareġ sejħa għal kuntratt ġdid.

**38.7** ***Proġett Flows***

Il-Kunsill iddiskuta l-avveniment tal-proġett Flows li ser isir Malta bejn il-21 ta' Marzu 2018 u l-24 ta' Marzu 2018. Ġew elenkati l-attivitajiet marbuta ma' dan il-proġett li fosthom jinkludu l-*exhibition* li ser issir fi Ġnien is-Serenita' dwar il-fjuri u pjanti Maltin, il-konferenza li ser issir fit-Tea Room u l-ġemellaġġ li ser jiġi ffirmat mal-Comune di Lubriano waqt dan l-avveniment. Il-Kunsill għandu jibqa jiltaqa' fil-ġimgħat li ġejjin biex ikompli jikkordina dan il-proġett.

**38.8** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**38.8.1** ***Mistoqsija tal-Viċi Sindku***

Il-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar il-problema tad-drogi u laqgħat mal-pulizija ġiet imwieġba f'minuta 38.2.3.

**38.8.2** ***Mistoqsija tal-Viċi Sindku***

Il-Viċi Sindku staqsa meta ser jibdew jaħdmu il-funtani tax-xorb li hemm fil-Jogging Track.

Is-Sindku qal li għandu jinfetaħ l-ilma minn l-*meter* li sar mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*main* kien inżamm magħluq minħabba li kien hemm il-ħsarat. Ġie deċiż li l-*meter* jinfetaħ u jiġi immoniterjat minħabba ħsarat.

**38.9** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fil-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2018 fl-4.30p.m.

Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |